

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-30 ta' Settembru 2011 — Sociedade Quinta do Portal, SA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Vallegre, Vinhos do Porto SA

(Kawża C-541/10 P) (1)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Trade mark Komunitarja verbali PORTO ALEGRE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti VISTA ALEGRE — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark)

(2012/C 25/39)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

#### Partijiet

Appellanti: Sociedade Quinta do Portal, SA (rappreżentant: F. Bolota Belchior, avukat)

Appellat: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. López Ronda u G. Macias Bonilla, avukati), Vallegre, Vinhos do Porto SA

#### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla) tat-8 ta' Settembru 2010 — Quinta do Portal vs UASI — Vallegre (T-369/09), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Ġunju 2009 (Każ R 1012/2008-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Vallegre, Vinhos do Porto, SA u Sociedade Quinta do Portal, SA

#### Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Quinta do Portal hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 38, 05.02.2011.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-13 ta' Settembru 2011 — Hans-Peter Wilfer vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-546/10 P) (1)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Sinjal figurattiv li jirrappreżenta l-parti ta' fuq ta' kitarra — Rifjut ta' registratori — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Eżami ex officio tal-fatti — Artikoli 7(1)(b) u 74(1) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Ammissibbiltà ta' provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġeneral — Trattament ugħalli)

(2012/C 25/40)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrent: Hans-Peter Wilfer (rappreżentant: W. Prinz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġġent)

#### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla) tat-8 ta' Settembru 2010, Wilfer vs UASI (T-458/08), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Lulju 2008, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur li tirrifżuta parzialment ir-registratori tas-sinjal figurattiv li jirrapreżenta l-parti ta' fuq ta' kitarra ta' kulur il-fidda, griż u kannella bħala trade mark Komunitarja għal ċerti prodotti li jaqgħu fil-klassijiet 9 u 15 — Karatru distintiv ta' sinjal figurattiv ikkostitwit mir-rappreżentazzjoni bidimensionsjali ta' parti minn prodott

#### Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) H-P. Wilfer huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 30, 29.01.2011

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2011 — Evropaiki Dynamiki — Proġġmena Systimata Tilepikoinon Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-561/10 P) (1)

(Appell — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Sejħa għal offerti — Servizzi tal-informatika ta' manutenzjoni tas-sistemi SEI-BUD/AMD/CR — Ċaħda tal-offerta — Motivazzjoni insuffiċjenti — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi)

(2012/C 25/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Appellanti: Evropaiki Dynamiki — Proġġmena Systimata Tilepikoinon Pliroforikis kai Tilematikis AE (rappreżentant: N. Korogiannakis, dikigorus)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Delaude u N. Bambara, aġġenti)

#### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Settembru 2010 — Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (T-387/08) li tiċħad rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-OPOCE, tal-20 ta' Ġunju 2008, li tirrifżuta l-offerta tar-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għal offerti għall-konklużjoni ta' kuntratti qafas għas-servizzi tal-informatika ta' manutenzjoni tas-sistemi SEI-BUD/AMD/CR u s-servizzi relatati

(Nru AO 10185) (ĠU 2008/S 43-058884) kif ukoll tad-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni

### Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Evropaike Dynamiki — Proġġmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 72, 05.03.2011

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-21 ta' Settembru 2011 — Longevity Health Products, Inc. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Biofarma SA

(Kawża C-316/11 P) (<sup>1</sup>)

*(“Appell — Trade mark Komunitarja — Proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI — Nuqqas ta’ osservanza tal-obbligu ta’ ħlas tad-dritt tal-appell fit-terminu stabilit — Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li tiddikjara l-appell bħala li ma ġiex ippreżentat”)*

(2012/C 25/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Longevity Health Products, Inc. (rappreżentant: J. Korab, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) Biofarma SA

### Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-15 ta' April 2011 Longevity Health Products vs UASI — Biofarma (T-96/11) Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors għal annullament ippreżentat mill-applikant għat-trade mark verbali “VITACHRON male”, għal prodotti u servizzi fil-klassi 5 fost oħrajn, kontra d-deċiżjoni R 1357/2010-4 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tal-10 ta' Jannar 2011, li tiddikjara li r-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark bħala parti mill-oppożizzjoni mill-proprietarju tat-trade marks nazzjonali “VITATHION” għal prodotti u servizzi fil-klassi 5, jitqies li ma sarx, sa fejn it-taxxa tal-appell ma tkunx tħallset fit-terminu

### Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Longevity Health Products Inc. għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 269, 10.09.2011.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-21 ta' Settembru 2011 — Longevity Health Products, Inc. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Biofarma SA

(Kawża C-378/11) (<sup>1</sup>)

*(Appell — Trade mark Komunitarja — Proċediment quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI — Nuqqas ta’ osservanza tal-obbligu ta’ ħlas tat-taxxa tal-appell fit-terminu — Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li tiddikjara l-appell bħala li ma sarx)*

(2012/C 25/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Longevity Health Products, Inc. (rappreżentant: J. Korab, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Biofarma SA

### Suġġett

Appell kontra d-digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-15 ta' April 2011 Longevity Health Products vs UASI — Biofarma VITACHRON (male) (T-95/11), li bih il-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors għal annullament ippreżentat mill-applikant għat-trade mark verbali “VITACHRON male”, għal prodotti u servizzi fost oħrajn fil-klassi 5, kontra d-deċiżjoni R 1357/2010-4 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tal-10 ta' Jannar 2011, li tiddikjara li r-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark bħala parti mill-oppożizzjoni mill-proprietarju tat-trade marks nazzjonali “VITATHION” għal prodotti u servizzi fil-klassi 5, jitqies li ma sarx, sa fejn it-taxxa tal-appell ma tkunx tħallset fit-terminu

### Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Longevity Health Products Inc. għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 269, 10.09.2011.